

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, ...  
Ċ

Abbozz tar-

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...**

**ta' [...]**

**li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati ma' titjiriet ta' promozzjoni mwettqa minn organizzazzjonijiet ta' taħriġ u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Abbozz tar-

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru .../...

ta' [...]

**li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati ma' titjiriet ta' promozzjoni mwettqa minn organizzazzjonijiet ta' taħriġ u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(6), 8(5) u 10(5) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 jistabbilixxi regoli dettaljati għall-organizzazzjonijiet ta' taħriġ tal-bdoti u ċ-ċentri ajrumediċi sabiex ikollhom ċertifikat. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ jekk jiġu ssodisfati ċerti rekwiżiti tekniċi u amministrattivi. Għalhekk, għandhom jiġu previsti regoli dwar is-sistema ta' ġestjoni u amministrazzjoni ta' dawn l-organizzazzjonijiet.
- (2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008, il-Kummissjoni għandha tadotta r-regoli ta' implimentazzjoni neċessarji sabiex jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet għat-tħaddim mingħajr periklu tal-inġenji tal-ajru. Ir-Regolament (UE) Nru. .../.... stabbilixxa dawk ir-regoli ta' implimentazzjoni.
- (3) Ir-Regolament preżenti jemenda r-Regolament (UE) Nru 1178/2011 sabiex jinkludi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi partikolari għat-titjiriet ta' promozzjoni.
- (4) Sabiex jiġu żgurati tranżizzjoni bla xkiel u livell għoli ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili fl-Unjoni Ewropea, il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jirriflettu l-istat l-aktar avanzat, inklużi l-aqwa prassi, u l-progress tekniku u xjentifiku fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-ajru. Għaldaqstant, għandhom jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi maqbula taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili u tal-Awtoritajiet Ewropej tal-Avjazzjoni Konġunta sat-30 ta' Ġunju 2009, kif ukoll il-leġiżlazzjoni eżistenti li tappartjeni għal ambjent nazzjonali speċifiku.
- (5) L-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ħejjiet abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ssottomettiethom bħala opinjoni lill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

---

<sup>1</sup> ĠU L 79, 13.3.2008, p.1.

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 huwa emendat kif ġej:

1. Fl-Anness VII, jiddaħħal paragrafu ġdid ORA.ATO.155:

‘ORA.ATO.155 Titjiriet ta’ promozzjoni

L-ATO jistgħu joffru titjiriet bi ħlas bl-iskop li jippromwovu l-attività tagħhom taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-operazzjonijiet jitolqu u jillandjaw fl-ajrudrom tal-bażi jew f’sit operattiv b’inġenji tal-ajru ELA2 jew għal blalen tal-arja f’żona lokali;
- (b) din l-attività ssir mhux aktar minn erbat ijiem fis-sena;
- (ċ) il-bdot fil-kmand tal-inġenju tal-ajru jkollu mill-inqas:
  - (1) CPL; jew
  - (2) PPL, SPL jew BPL bi klassifikazzjoni ta’ instructor; u
- (d) il-proċeduri operattivi standard jiġu deskritti fil-manwal tal-operazzjonijiet.’

#### *Artikolu 2*

##### ***Daħla fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ u jibda japplika mill-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kummissjoni*

*[...]*

*Il-President*